# O SPEM MIRAM!

*Ta'* Val. V. Barbara, O.P.

Jiġu waqtiet, twajjeb Missier, li d-difa
tas-sema tiegħi j'xheb, il-werqiet
torja tat-tama, q'shom f'xi ħarifa
ta' niket, jaqgħu bikri f'art l-imwiet.

U nħoss li ruħi m'għadhiex hekk ħafifa
sabiex tiftaħ il-ġwienaħ lejn l-għoljiet
imqaddsa ta' Sijon, fejn hi nadifa
'n-nixxiegħa tal-ħajr, kollha ħlewwiet.

'Ma xħin inġib quddiem għajnejja lilek
m'xħut għal wiċċek fl-art f'Santa Sabina
titlob u traħħam lil Ġesù għalija,
kemm ħelwa l-*O Spem Miram* li ngħannilek
toħroġ fis-sliem minn qalbi, kemm ħanina
tkun idek li terfagħni minn kull ħtija.